IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 8.11.2006
KUMM(2006) 654 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kundizzjonijiet fil-Partenarjat Ewropew mal-Montenegro

(ippreżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Kunsill Ewropew ta' Tessaloniki tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 tenna d-determinazzjoni tiegħu li jappoġġja l-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent b'mod sħiħ u effettiv. Approva "L-Aġenda ta' Tessaloniki għall-Balkani tal-Punent", li introduċiet il-Partenarjati Ewropej bħala mezz biex titwettaq il-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

Fid-9 ta' Novembru 2005, il-Kummissjoni ppreżentat Partenarjat Ewropew aġġornat għas-Serbja u l-Montenegro inkluż il-Kosovo kif definit mir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-10 ta' Ġunju 1999. Ġie adottat mill-Kunsill fit-30 ta' Jannar 2006. Il-Montenegro ddikjara l-indipendenza tiegħu fit-3 ta' Ġunju 2006 wara referendum li sar fil-21 ta' Mejju. Dan ġie segwit bir-rikonoxximent mill-UE u l-Istati Membri tagħha. Għalhekk il-Kummissjoni tikkunsidra li jkun xieraq li tiġi ppreżentata proposta għal Partenarjat Ewropew aġġornat għall-Montenegro biss. Din il-proposta hija bbażata fuq il-partijiet relatati mal-Montenegro tal-Partenarjat Ewropew attwali għas-Serbja u l-Montenegro (inkluż il-Kosovo), li ġie aġġornat biex jiżdiedu l-prijoritajiet li jindirizzaw il-kompetenzi ġodda tal-Montenegro u l-isfidi li jiffaċċja bħala stat indipendenti.

Dan il-Partenarjat Ewropew mġedded huwa bbażat fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 533/2004 tat-22 ta' Marzu 2004. Jelenka l-prijoritajiet fuq medda qasira u medja ta' żmien għal preparamenti tal-pajjiż għal aktar integrazzjoni ma' l-Unjoni Ewropea. Biex jirrispondi għall-Partenarjat Ewropew, l-awtoritajiet kompetenti tal-Montenegro għandhom jiżviluppaw pjan bi skeda u miżuri speċifiċi li l-Montenegro biħsiebu jieħu għal dan il-għan. Il-Progress fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ser jiġi segwit regolarment mill-Kummissjoni.

Il-prijoritajiet tal-Partenarjat Ewropew jiffurmaw il-bażi ta' l-ipprogrammar ta' l-għajnuna finanzjarja tal-Komunità, li se tkompli tkun provduta taħt l-istrumenti finanzjarji rilevanti, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Għajnuna Qabel l-Adeżjoni (IPA).

Id-Deċiżjoni proposta tal-Kunsill m'għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill jadotta l-abbozz tad-deċiżjoni li hemm mehmuż.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kundizzjonijiet fil-Partenarjat Ewropew mal-Montenegro

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 533/2004 tat-22 ta' Marzu 2004 fuq it-twaqqif ta' Partenarjati Ewropej u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu[1],

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew ta' Tessaloniki tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 approva l-introduzzjoni tal-Partenarjati Ewropej bħala mezz biex isseħħ il-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru. 533/2004 jipprovdi li l-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kundizzjonijiet li għandhom jiddaħħlu fil-Partenarjati Ewropej, kif ukoll dwar tibdiliet sussegwenti.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 533/2004 jiddikjara li s-segwitu tal-Partenarjati Ewropej se jkun żgurat permezz tal-mekkaniżmi stabbiliti skond il-proċess ta' stabilizzazzjoni u assoċjazzjoni, l-aktar permezz tar-rapporti annwali ta' progress.

(4) Il-Kunsill adotta fl-14 ta' Ġunju 2004 l-ewwel Partenarjat Ewropew mas-Serbja u l-Montenegro inkluż il-Kosovo kif definit fir-Rizoluzzjoni 1244[2] tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Kunsill iddeċieda fit-30 ta' Jannar 2006 li jaġġorna dan il-Partenarjat Ewropew[3].

(5) Il-Montenegro iddikjara l-indipendenza tiegħu fit-3 ta' Ġunju wara referendum dwar l-indipendenza, li ġie organizzat fil-21 ta' Mejju 2006.

---

[1] ĠU L 86, 24.03.2004, p.1.

[2] Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/52/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2004 dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kundizzjonijiet imniżżla fil-Partenarjat Ewropew mas-Serbja u l-Montenegro inkluż il-Kosovo kif definit mir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-10 ta' Ġunju 1999 (ĠU L 227, 26.6.2004. p.21).

[3] Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/56/KE tat-30 ta' Jannar 2006 dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kundizzjonijiet imniżżla fil-Partenarjat Ewropew mas-Serbja u l-Montenegro inkluż il-Kosovo kif definit mir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-10 ta' Ġunju 1999 u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/520/KE (ĠU L 35, 7.2.2006. p.32).

(6) Fil-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni tat-12 ta' Ġunju 2006, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ddeċidew li ser jiżviluppaw aktar ir-relazzjonijiet tagħhom mar-Repubblika tal-Montenegro bħala Stat sovran u indipendenti.

(7) Għalhekk, huwa xieraq li jitwaqqaf Partenarjat Ewropew ġdid mal-Montenegro fuq il-bażi tal-parti dwar il-Montenegro tal-Partenarjat Ewropew mas-Serbja u l-Montenegro adottat f'Jannar 2006, aġġornat wara r-riżultati tar-Rapport ta' Progress ta' l-2006, u supplimentat bil-prijoritajiet li jindirizzaw l-isfidi li l-Montenegro jiffaċċja bħala stat indipendenti.

(8) Sabiex iħejju għall-integrazzjoni akbar ma' l-Unjoni Ewropea, l-awtoritajiet kompetenti fil-Montenegro għandhom jiżviluppaw pjan bi skeda u bil-miżuri speċifiċi li jindirizzaw il-prijoritajiet ta' dan il-Partenarjat Ewropew,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Skond l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 533/2004, il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kundizzjonijiet fil-Partenarjat Ewropew mal-Montenegro huma stipulati fl-Anness hawn taħt, li jifforma parti integrali minn din id-Deċiżjoni, u jbiddel, għall-Montenegro, dawk stipulati fid-Deċiżjoni 2006/56/KE.

Artikolu 2

L-implimentazzjoni tal-Partenarjat Ewropew ser tkun eżaminata permezz tal-mekkaniżmi stabbiliti bil-proċess ta' stabilizzazzjoni u assoċjazzjoni, l-aktar ir-rapporti annwali tal-progress ippreżentati mill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara li tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

ANNESS

IL-MONTENEGRO: PARTENARJAT EWROPEW 2006

1. DAĦLA

Il-Kunsill Ewropew approva l-introduzzjoni tal-Partenarjati Ewropej bħala mezz biex isseħħ il-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

Fid-9 ta' Novembru 2005, il-Kummissjoni ppreżentat Partenarjat Ewropew aġġornat għas-Serbja u l-Montenegro inkluż il-Kosovo kif definit mir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-10 ta' Ġunju 1999. Ġie adottat mill-Kunsill fit-30 ta' Jannar 2006. Il-Montenegro ddikjara l-indipendenza tiegħu fit-3 ta' Ġunju 2006 wara referendum li sar fil-21 ta' Mejju. Dan ġie segwit bir-rikonoxximent mill-UE u l-Istati Membri tagħha. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li jkun xieraq li tiġi ppreżentata proposta għal Partenarjat Ewropew aġġornat għall-Montenegro biss. Din il-proposta hija bbażata fuq il-partijiet relatati mal-Montenegro tal-Partenarjat Ewropew attwali għas-Serbja u l-Montenegro (inkluż il-Kosovo). Iżżid il-kompetenzi ġodda tal-Montenegro u l-isfidi li jiffaċċja bħala stat indipendenti.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Montenegro għandhom jiżviluppaw pjan li jinkludi skeda u miżuri speċifiċi biex jindirizzaw il-prijoritajiet tal-Partenarjat Ewropew.

2. IL-PRINĊIPJI

Il-Proċess ta' Stabbilizazzjoni u Assoċjazzjoni jibqa' l-qafas għall-mira Ewropea tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, matul it-triq kollha lejn is-sħubija futura tagħhom.

Il-prijioritajiet ewlenin identifikati huma dwar il-kapaċità tiegħu li jissodisfa l-kriterji stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Kopenħagen fl-1993 u l-kundizzjonijiet stabbiliti għall-proċess ta' Stabbilizazzjoni u Assoċjazzjoni, speċjalment il-kundizzjonijiet espressi mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tad-29 ta' April 1997 u l-21 u t-22 ta' Ġunju 1999, il-kontenut tad-dikjarazzjoni finali tas-Samit ta' Żagreb ta' l-24 ta' Novembru 2000 u l-aġenda ta' Tessaloniki.

3. IL-PRIJORITAJIET

Il-prijoritajiet elenkati f'dan il-Partenarjat Ewropew intgħażlu fuq il-bażi li hu realistiku li wieħed jistenna li l-Montenegro jkun jista' jwettaqhom jew imexxihom sew 'il quddiem fis-snin li ġejjin. Hemm distinzjoni bejn il-prijoritajiet fuq medda qasira ta' żmien, li huma mistennija li jintlaħqu fi żmien sena jew sentejn, u l-prijoritajiet fuq medda medja ta' żmien, li huma mistennija li jintlaħqu fi żmien tlieta jew erba' snin. Il-prijoritajiet jirrigwardaw kemm il-leġiżlazzjoni kif ukoll l-implimentazzjoni tagħha.

Din is-sħubija, ma tinkludix il-ħidmiet importanti kollha f'dan l-istadju, jekk tikkunsidra l-ispejjeż sostanzjali involuti fit-twettiq tal-ħtiġijiet kollha ta' l-UE kif ukoll il-kumplessità ta' dawn il-ħtiġijiet f'ċerti oqsma. Il-partenarjati futuri se jkunu jinkludu aktar prijoritajiet skond il-progress li jkun għamel il-pajjiż.

Fost il-prijoritajiet fuq medda qasira ta' żmien, il-prijoritajiet ewlenin ġew identifikati u miġbura flimkien fil-bidu tal-lista. L-ordni ta' dawn il-prijoritajiet ewlenin ma tfissirx li hemm xi klassifika fl-importanza tagħhom.

3.1. Il-prijoritajiet fuq medda qasira ta' żmien

Il-Prijoritajiet Ewlenin

– L-adottar ta' Kostituzzjoni ġdida, ibbażata fuq kunsens wiesa', konformi ma' l-istandards Ewropej, b'mod partikolari fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedm u tal-minoranzi, l-organizzazzjoni tal-ġudikatura, l-awditjar, id-difiża u l-istrutturi ta' sigurtà.

– It-tlestija tat-twaqqif ta' struttura legali u istituzzjonali meħtieġa għal pajjiż indipendenti inkluż il-firma u r-ratifika ta' l-istrumenti internazzjonali li l-Unjoni ta' l-Istati tas-Serbja u l-Montenegro kienet aderixxiet magħhom.

– It-tkomplija ta' l-isforzi sostenibbli biex tkunu implimentata r-riforma ta' l-amministrazzjoni pubblika, li tinkludi s-sistema ta' ħlas tas-servizz pubbliku, sabiex ikun żgurat li jkun hemm reklutaġġ trasparenti, professjonaliżmu u responsabbiltà; it-tkomplija, b'mod partikolari, tat-tisħiħ ta' l-istrutturi ta' integrazzjoni Ewropea fil-livelli kollha (inklużi fil-ministeri kompetenti u fil-Parlament) u l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni fi kwistjonijiet ta' l-UE.

– Jiġu finalizzati l-pjani għal riforma fis-sistema ġudizzjarja; it-tneħħija tar-reklutaġġ u tal-ġestjoni tal-karrieri mill-poteri tal-Parlament u t-twaqqif ta' proċeduri trasparenti ibbażati fuq kriterji professjonali u oġġettivi għall-għażla u l-avvanz fil-karriera; tiġi razzjonalizzata s-sistema tal-qorti u jiġu modernizzati l-proċeduri u t-titjieb l-amministrazzjoni; jingħata finanzjament adegwat u sostenibbli għas-sistema ġudizzjarja.

– It-tisħiħ tal-kontroll parlamentari fuq l-istrutturi tad-difiża u s-sigurtà.

– Tkompli tiġi żgurata kooperazzjoni sħiħa mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għall-ex-Jugoslavja (l-ICTY).

– It-tisħiħ tal-kapaċità biex jiġu adottati u implimentati miżuri li ġejjin mill-impenji negozjati skond il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, b'mod partikolari l-aġġornament tal-kapaċità doganali biex tapplika sew ir-regoli ta' l-oriġini u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva.

Il-Kriterji politiċi

<u>Id-demokrazija u l-istat tad-dritt</u>

L-Elezzjonijiet

– Konformi mar-rakkomandazzjoniet ta' l-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet Umani, għandha titneħħa l-politika mit-tmexxija ta' l-elezzjoni, jitjieb it-tħaddim tagħha, b'mod partikolari it-tħabbir tar-riżultati, issir kodifika tal-leġiżlazzjoni elettorali, jitwaqqfu regoli għar-rappurtaġġ tal-midja tal-kampanji elettorali u jiġu introdotti regoli biex jiggarantixxu trasparenza fl-allokazzjoni tas-siġġijiet skond l-istandards Ewropej; jitwaqqaf qafas trasparenti għall-iffinanzjar tal-kampanja.

Il-Parlament

– Tissaħħaħ il-kapaċità leġiżlattiva u tal-kontroll globali tal-Parlament b'mod partikolari permezz ta' l-implimentazzjoni tar-Regoli ġodda ta' Proċedura li ġew adottati.

– Tissaħħaħ il-kapaċità tal-Parlament f'oqsma ġodda ta' kompetenza.

– Jissaħħaħ it-tħaddim tal-Kumitat dwar l-Integrazzjoni Ewropea u jingħata l-appoġġ amministrattiv u espert xieraq.

L-amministrazzjoni pubblika

– Tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva ta' l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman; jiġi żgurat li r-rakkomandazzjonijiet ta' l-Ombudsman ikunu segwiti b'mod xieraq.

– Titkompla l-implimentazzjoni tal-proċess ta' deċentralizzazzjoni u jitjiebu l-kapaċitajiet tal-muniċipalitajiet.

Is-Sistema ġudizzjarja

– Tiġi żgurata l-implimentatazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar it-taħriġ mandatorju inizjali u kontinwu għall-imħallfin, prosekuturi u l-impjegati ta' appoġġ fil-qorti, u jkomplu jissaħħu iċ-Ċentri ta' Taħriġ Ġudizzjarju;

– Jiġu finalizzati l-pjani għal riforma fis-sistema ġudizzjarja; Titneħħa l-ġestjoni tar-reklutaġġ u tal-karrieri mill-poteri tal-Parlament u jsiru proċeduri trasparenti bbażati fuq kriterji professjonali u oġġettivi għall-għażla u l-avvanz fil-karriera; tiġi razzjonalizzata s-sistema tal-qorti u jiġu modernizzati l-proċeduri u t-titjieb l-amministrazzjoni; jingħata finanzjament adegwat u sostenibbli għas-sistema ġudizzjarja.

– Jingħataw garanziji biex tissaħħaħ l-awtonomija u l-effiċjenza tas-sistema tal-prosekuzzjoni, fosthom dik relatata ma' kwistjonijiet baġitarji. Jissaħħaħ l-uffiċċju tal-prosekutur għall-kriminalità organizzata u titjieb il-kapaċità fil-qasam tal-politika kontra l-korruzzjoni.

– Isir aġġornament tal-kapaċità tal-Ministeru tal-Ġustizzja għall-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali.

Il-politika kontra l-korruzzjoni

– Tiġi emendata l-liġi dwar kunflitt ta' interess u ssir implimentazzjoni tagħha biex jiġi eliminat kull każ possibbli ta' kunflitt ta' interess ta' l-uffiċjali.

– Jiġu aġġornati l-isforzi għall-implimentazzjoni ta' strateġija kontra l-korruzzjoni, l-aktar billi jingħataw riżorsi finanzjarji u umani xierqa lill-korpi li jinfurzaw il-liġi biex tiġi assigurata l-implimentazzjoni tagħha.

– Jiġu żviluppati u implimentati bis-sħiħ il-liġijiet dwar il-partiti politiċi u l-iffinanzjar tal-partiti politiċi billi tiġi assigurata t-trasparenza u ċ-ċarezza.

Id-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-minoranzi

– Jiġu assigurati mekkaniżmi effettivi għall-implimentazzjoni ta' l-obbligi li ġejjin minn strumenti internazzjonali, l-aktar fir-rigward tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Prevenzjoni tat-Tortura.

– Tittieħed azzjoni komprensiva u trasparenti fil-każijiet allegati kollha ta' trattament ħażin. Jissaħħu s-servizzi interni ta' kontroll li għandhom x'jaqsmu mat-trattament ħażin minn aġenti ta' l-infurzar tal-liġi.

– Jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-ħabs, b'mod partikolari rigward gruppi vulnerabbli bħal minorenni ħatja u dawk li jeħtieġu kura psikjatrika; jiġi żgurat li jkunu monitorjati b'mod adegwat il-kundizzjonijiet tal-ħabs għall-priġunieri li qegħdin hemm għal medda twila ta' żmien u għall-priġunieri tal-kriminalità organizzata, u li jkun hemm aktar taħriġ għall-istaff tal-ħabs u jitjiebu l-faċilitajiet għall-bżonnijiet speċjali.

– Tiġi adottata leġiżlazzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni.

– Tiġi assigurata l-implimentazzjoni tal-Liġi dwar l-aċċess għall-informazzjoni pubblika. Tkompli t-trasformazzjoni tar-Radju u t-Televiżjoni tal-Montenegro f'servizz pubbliku ta' xandir u jiġu pprovduti mezzi xierqa għal dan il-għan.

– Ikun implimentat il-memorandum dwar il-kooperazzjoni bejn l-NGOs u l-istituzzjonijiet governattivi.

– Tkompli tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni dwar ir-restituzzjoni tal-proprjetà.

– Jiġi pprovdut qafas xieraq, inkluż f'livell Kostituzzjonali, għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-minoranzi. Jiġi implimentat il-Pjan ta' Strateġija u Azzjoni relevanti għall-integrazzjoni tan-nies ta' Roma, inklużi r-refuġjati.

Il-Kwistjonijiet reġjonali u obbligi internazzjonali Tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat. Jiġu implimentati ftehimiet dwar kummerċ ħieles ma' pajjiżi ġirien, l-aktar fil-kuntest tas-CEFTA l-ġdida. Tiġi aġġornata l-kooperazzjoni minn naħa għall-oħra tal-fruntieri fl-oqsma tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar u l-kuntrabandu, il-kooperazzjoni ġudizzjarja, il-ġestjoni tal-fruntieri, l-ambjent, it-trasport u l-enerġija.

– Tkun assigurata l-protezzjoni tad-drittijiet tar-refuġjati u l-persuni mċaqilqa internament. Jiġu revokati d-dispożizzjonijiet diskriminatorji kollha fl-oqsma tax-xogħol, l-aċċess għad-drittijiet tal-proprjetà, r-rimedju legali u l-aċċess għaċ-ċittadinanza; jiġi garantit aċċess bla xkiel għas-servizzi tas-saħħa u għad-dokumenti personali. Jiġi assigurat id-dritt ta' għażla vera bejn ir-ritorn sostenibbli u l-integrazzjoni u jkun hemm kundizzjonijiet għall-integrazzjoni għal min jieħu din l-għażla.

– Tiġi konformata l-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali ma' l-istandards relevanti u l-ftehimiet permezz ta' l-iffirmar u r-ratifika ta' l-istrumenti internazzjoni relevanti fil-livell tal-Kunsill ta' l-Ewropa u n-Nazzjonijiet Uniti dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u dik finanzjarja, inkluża l-korruzzjoni.

Il-Kriterji Ekonomiċi

– Tiġi sostnuta l-istabilità makroekonomika billi jkun hemm l-aġġustament fiskali u l-konsolidazzjoni neċessarji.

– Tiġi żviluppata l-kapaċita istituzzjonali u analitika meħtieġa biex tfassal u timplimenta l-"Programm Ekonomiku u Fiskali" proposti mis-servizzi tal-Kummissjoni.

– Tiġi implimentata s-Sistema tat-Tmexxija tan-Nefqa Pubblika, l-aktar il-baġitjar tal-programmi, il-baġitjar fuq medda ta' żmien medju u l-introduzzjoni ta' elementi tal-kontijiet ibbażati fuq id-dovuti.

– Jiġi integrat għal kollox il-baġit kapitali fil-kontijiet ġenerali tal-gvern, inklużi l-ispejjeż kapitali tal-gvern lokali.

– Jitkompla l-proċess ta' ristrutturar u privatizzazzjoni ta' l-impriżi pubbliċi.

– Tiġi adottata u implimentata l-liġi dwar s-superviżjoni fuq l-assigurazzjoni.

– Jitkomplew l-isforzi għall-promozzjoni ta' l-adattament u l-ħiliet fost il-ħaddiema, bis-sehem sħiħ ta' min iħaddem u t-trejdunjons f'dak il-proċess.

– Jitkomplew l-aġġustamenti neċessarji fil-kundizzjonijiet kummerċjali tal-Montenegro, biex jagħmluh kumpatibbli mal-miżuri ta' kummerċ awtonomu u ta' l-SAA futura.

L-Istandards Ewropej

<u>Is-suq intern</u>

Il-Moviment liberu tal-merkanzija

– Jiġi finalizzat it-twaqqif ta' struttura legali u istituzzjonali dwar l-istandardizzazzjoni, ċ-ċertifikazzjoni, l-metroloġija, l-akkreditazzjoni u l-valutazzjoni tal-konformità skond l-acquis ta' l-UE biex jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli għall-kummerċ. Tibda l-adozzjoni ta' l-istandards Ewropej.

– Jitwaqqfu mekkaniżmi għal konsultazzjoni interna u ta' notifika għar-regolamenti tekniċi ġodda qabel ma jiġu adottati miżuri li jkollhom impatt fuq in-negozju.

– Jitwaqqfu l-qafas legali u l-kapaċità amministrattiva għall-ħarsien attiv tal-konsumatur u tas-saħħa skond il-politika ta' l-UE dwar il-konsumatur u l-politika dwar is-saħħa.

– Jitkomplew ir-riformi neċessarji biex ikun hemm qbil mar-regoli u ma' l-obbligi tad-WTO sabiex ikun aċċellerat il-proċess ta' adeżjoni mad-WTO.

Id-Dwana u t-tassazzjoni

– Ikomplu jinġabu aktar konformi ma' l-*acquis* il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri tad-dwana. Tkompli l-immodernizzar ta' l-amministrazzjonijiet tad-dwana sabiex ikun żgurat livell għoli ta' kapaċità amministrattiva u biex jiġu miġġielda l-korruzzjoni, l-kriminalità minn naħa għall-oħra tal-fruntieri u l-evażjoni fiskali.

– Tiġi emendata u implimentata l-leġiżlazzjoni fil-qasam tar-regoli ta' oriġini biex tiġi introdotta bażi legali għall-applikazzjoni tar-regoli KE ta' l-oriġini għall-għanijiet tal-

Miżuri Kummerċjali Awtonomi, biex jiġi żgurat li tingħata l-informazzjoni u t-taħriġ lill-operaturi u lill-uffiċjali tad-dwana.

– Tkompli titressaq aktar viċin l-acquis il-leġiżlazzjoni tat-taxxa. Titjieb l-implimentazzjoni tal-liġijiet tat-taxxa, b'iffukar fuq il-ġbir tad-dħul u l-kontroll, sabiex titnaqqas il-frodi tat-taxxa.

– Jiġu applikati l-prinċipji tal-Kodiċi ta' Imġiba għat-Tassazzjoni tan-Negozju u jiġi żgurat li miżuri ġodda ta' taxxa jkunu konformi ma' dawn il-prinċipji.

Il-Kompetizzjoni

– Jitwaqqfu u jingħataw mezzi adegwati għat-tħaddim ta' awtorità dwar il-kompetizzjoni b'indipendenza funzjonali sħiħa.

– Jissaħħaħ il-qafas ta' l-għajnuna statali u titkattar it-trasparenza, bħala l-ewwel pass lejn kontroll ta' l-għajnuna statali skond ir-rekwiżiti tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

L-appalti pubbliċi

– Tiġi implimentata sistema effettiva ta' appalti pubbliċi skond il-prinċipji ta' l-UE, inklużi dawk relatati mar-rimedji. Jiġu żgurati proċeduri trasparenti sħaħ, minkejja l-valur tal-kuntratt konċernat, u mingħajr diskriminazzjoni bejn il-forniturі tal-Montenegro u ta' l-UE.

– Jiġi assigurat it-twaqqif u t-tħaddim ta' Aġenzija ta' l-Appalti Pubbliċi u Korp ta' Reviżjoni u titjieb il-kapaċità amministrattiva tagħhom. jingħata t-taħriġ xieraq lill-istaff responsabbli fl-entitajiet li jieħdu ħsieb il-kuntratti u jiġu implimentati regoli ta' appaltar.

Il-liġi dwar il-proprjetà intellettwali

– Jissaħħaħ b'mod sinifikanti l-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari billi jiġi adottat qafas legali komprensiv dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inklużi d-dispożizzjonijiet ta' infurzar effettiv, u billi jitwaqqaf Uffiċċju dwar id-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali.

– Tissaħħaħ, tiġi implimentata u infurzata l-kapaċità f'dan il-qasam, inkluż fis-servizzi tal-fruntiera, l-aġenżiji ta' infurzar tal-liġi u l-ġudikatura.

– Tiġi konfermata formalment il-parteċipazzjoni fil-ftehimiet internazzjonali ewlenin fil-qasam tal-liġi tal-proprjetà intellettwali.

Is-Servizzi finanzjarji

– Jissaħħaħ il-qafas regolatorju u superviżorju għall-istituzzjonijiet finanzjarji u s-swieq, konsistenti mal-prattiċi attwali ta' l-UE, b'mod partikolari dwar is-settur bankarju.

– Terġa tissaħħaħ il-kooperazzjoni mas-superviżuri fil-pajjiż ta' banek barranin li għandhom sussidjarji sinifikattivi fil-Montenegro, inkluż billi jiġu konklużi ftehimiet ta' kooperazzjoni.

Il-Liġi tal-Kumpaniji

– Jissaħħaħ l-infurzar tar-rekwiżiti ta' rappurtaġġ finanzjarju, b'mod partikolari għall-istituzzjonijiet finanzarji u l-kumpaniji elenkati.

Ix-Xogħol u l-Politika Soċjali

– Tiġi aġġornata l-kapaċità tal-Ministeru tax-Xogħol u l-Ħarsien Soċjali dwar il-formulazzjoni u l-monitoraġġ tal-politika, b'enfasi fuq l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ, nisa u gruppi vulnerabbli; [tiġi aġġornata l-ġestjoni tat-twettiq tal-miżuri ta' impjiegi attivi implimentati mis-Servizz tax-Xogħol tal-Montenegro.]

– Jitjieb ix-xogħol ta' l-ispettorati tax-xogħol biex tiġi assigurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

– Jitkattru l-isforzi għall-promozzjoni ta' kwalità fis-sistema edukattiva u ta' tagħlim tul il-ħajja.

– Ikomplu jitjiebu l-kwalità, l-effiċjenza u r-relevanza tas-sistema ta' edukazzjoni ogħla u jkun hemm appoġġ għall-integrazzjoni tagħha fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Ogħla

<u>Il-Politiki Settorjali</u>

L-industrija u l-SMEs

– Jitkompla t-twettiq tal-Karta Ewropea ta' l-Intrapriżi ż-Żgħar.

– Tissaħħaħ l-aġenzija għall-promozzjoni ta' investiment.. Titjieb il-konsultazzjoni/appoġġ tan-negozju.

– Tiġi adottata l-liġi dwar l-armonizzazzjoni u t-tħaffif tal-liċenzji u ta' sistemi biex jinħarġu permezzi u tiġi implimentata leġiżlazzjoni b'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-awtoritajiet tal-gvern lokali u jiġi adottat u implimentat pjan ta' azzjoni dwar it-tnaqqis tal-barrieri kummerċjali.

– Jitħaffef it-twaqqif u l-implimentazzjoni ta' fond nazzjonali ta' garanzija għall-SMEs.

L-Agrikoltura u s-sajd

– Tiġi implimentata l-liġi dwar materji veterinarji (inklużi prodotti tas-sajd) Tkompli tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva għall-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika ta' żvilupp agrikolu u rurali.

– Tiġi adottata liġi dwar is-sigurtà ta' l-ikel, liġi dwar il-benesseri ta' l-annimali u liġi ġdida veterinarja u jissaħħu s-servizzi veterinarji u fitosanitarji, inklużi l-kontroll u l-kapaċitajiet tal-laboratorju.

– Jitkomplew l-isforzi biex il-leġiżlazzjoni tinġab konformi ma' l-acquis veterinarju u fitosanitarju ta' l-UE inkluż it-twaqqif ta' sistema integrata ta' sigurtà ta' l-ikel bil-għan li ma jkunx hemm ripetizzjoni u tiżdied is-sigurtà ta' l-ikel. Titħejja sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' l-annimali għall-bovini konformi mal-ħtiġijiet ta' l-UE.

– Tiġi finalizzata l-istrateġija dwar is-sajd u titjieb il-kapaċità tal-Montenegro biex tmexxi politika dwar is-sajd konformi ma' l-istandards ta' l-UE inkluża l-kooperazzjoni internazzjonali.

L-Ambjent

– Il-leġiżlazzjoni titkompla tiġi approssimata lejn il-leġiżlazzjoni u l-istandards ta' l-UE, l-aktar fil-qafas leġiżlattiv għall-protezzjoni ta' l-ambjent. Tiġi żviluppata l-kapaċità amministrattiva biex tiġi implimentata u infurzata l-leġiżlazzjoni adottata.

– Tiġi żviluppata strateġija globali għall-ħarsien ta' l-ambjent (l-ilma, l-iskart, l-arja). Ikun adottat il-Pjan għall-Użu ta' l-Art; Tkun adottata l-Istrateġija dwar l-Iżvilupp Sostenibbli u l-istrateġiji settorjali (il-ġestjoni integrata taż-żona tal-kosta, l-biodiversità, l-bdil fil-klima). Tissaħħaħ il-kapaċità ambjentali ta' tmexxija amministrattiva.

Il-Politika tat-trasport

– Jitkompla l-allineament ma' l-acquis tal-leġiżlazzjoni ta' l-avjazzjoni inkluż il-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru, konformi ma' l-impenji li saru bl-iffirmar tal-Ftehim dwar iż-Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea.

– Tissaħħaħ l-Awtorità ta' l-Avjazzjoni Ċivili, u tinħatar istituzzjoni operattiva indipendenti dwar l-investigazzjoni ta' l-inċidenti fl-avjazzjoni, korp nazzjonali ta' superviżjoni għall-fornitur tas-servizz ta' navigazzjoni bl-ajru, u korp responsabbli għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-passiġġieri li jivvjaġġaw bl-ajru.

– Jitwettaq il-Memorandum ta' Ftehim dwar l-Iżvilupp ta' Netwerk ta' Trasport Reġjonali għall-Qalba ta' l-Ewropa tax-Xlokk li jinkludi il-kooperazzjoni fl-Osservatorju tat-Trasport ta' l-Ewropa tax-Xlokk.

– Titwettaq il-liġi dwar it-trasport fuq it-toroq (inkluż it-twaqqif ta' strutturi relevanti għall-implimentazzjoni). Jiġu assigurati riżorsi suffiċjenti għall-manteniment ta' l-infrastrutturi u l-istituzzjonijiet tat-trasport.

L-Enerġija

– Jiġu ratifikati u tkompli l-implimentazzjoni ta' l-impenji li ttieħdu fil-qafas tat-Trattat Komunitarju dwar l-Enerġija.

– Titlesta u tiġi implimentata l-Istrateġija ta' Żvilupp għall-Enerġija, li tinkludi l-Istrateġija ta' Effiċjenza għall-Enerġija; tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-Ministeru ta' l-Ekonomija fil-qasam ta' l-enerġija.

– Jitwaqqaf bord regolatorju u tiġi adottata l-leġiżlazzjoni xierqa fil-qasam tas-sigurtà nukleari u l-protezzjoni mir-radjazzjoni

Is-soċjetà informatika u l-midja

– Tissaħħaħ l-Aġenzija għat-Telekomunikazzjonijiet biex titjieb il-kompetizzjoni fis-suq billi tiġi applikata l-leġiżlazzjoni relevanti, b'mod partikolari dwar l-introduzzjoni tas-salvagwardji meħtieġa ta' kompetittività fis-suq.

– Titjieb il-kapaċità amministrattiva tal-Ministeru ta' l-Ekonomija fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Jittieħdu miżuri oħra biex ikun hemm bilanċ fit-tariffi, kif ukoll ikomplu jiġu indirizzati t-termini u l-kundizzjonijiet tat-tariffi ta' interkonnessjoni, kif ukoll tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-ħlas tal-liċenzji.

– Tiġi ggarantita l-indipendenza operattiva ta' l-Awtorità tax-Xandir.

– Tiġi assigurata tranżizzjoni bla skossi tar-Radju u t-Televiżjoni tal-Montenegro lejn fornitur tas-servizz pubbliku u jiġu assigurati miżuri għat-tħaddim effiċjenti tagħhom.

Il-Kontroll finanzjarju

– Tiġi aġġornata l-istrateġija tal-Kontroll Finanzjarju Pubbliku Intern b'referenzi għall-objettivi fuq meda twila u medja ta' żmien u bl-appoġġ korrispondenti tas-sistema ta' l-IT. titjieb il-kapaċità ta' awditjar intern.

– Ikompli jissaħħaħ l-Uffiċċju Statali ta' l-Awditjar u jingħataw il-garanziji kostituzzjonali xierqa.

L-Istatistika

– Tinġabar u tiġi trażmessa informazzjoni skond ir-rekwiżiti statistiċi relatati ma' l-oqsma ekonomiċi, kummerċjali, monetarji u finanzarji, skond il-prattiċi attwali ta' l-UE.

– Jiġi rivedut u adottat *master plan* dwar l-istatistika bil-għan li titjieb il-kwalità u jitwessa' l-ambitu ta' l-istatistika. Jissaħħu l-ġbir u l-ipproċessar ta' l-istatistika dwar l-agrikoltura skond l-istandards u l-metodoloġija ta' l-UE; tiġi implimentata n-nomenklatura HS 2007.

<u>Il-Ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà</u>

Il-viża, l-kontroll tal-fruntieri, l-asil u l-migrazzjoni

– Tiġi żviluppata l-kapaċita istituzzjonali dwar il-politika tal-viża u tiġu allineata l-politika ma' dawk ta' l-UE.

– Tissaħħaħ it-tmexxija integrata tal-fruntieri u tiġi assigurata implimentazzjoni konsistenti mill-korpi kollha responsabbli inklużi l-kontroll ċivili.

– Tiġi adottata l-Liġi ta' l-Asil u jinbnew iċ-ċentri ta' riċeviment li hemm ippjanati għan-nies li qed ifittxu l-kenn politiku u r-refuġjati.

Il-ħasil tal-flus

– Tkun żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti u l-koordinazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-ħasil ta' flus u tissaħħaħ it-taqsima ta' l-intelliġenza finanzjarja.

Id-drogi

– Tkompli tiġi żviluppata l-kapaċità ta' kooperazzjoni internazzjonali taċ-Ċentru kontra d-Drogi u l-Kuntrabandu u jitjiebu l-kapaċitajiet ta' analiżi operattiva, inkluż it-twaqqif ta' bażijiet tad-*data* relevanti.

– Tiġi żviluppata strateġija nazzjonali fil-ġlieda kontra l-abbuż u t-traffikar tad-drogi, skond l-Istrateġija dwar id-Drogi ta' l-UE 2005-2012 u l-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE dwar id-Drogi 2005-2008, u tiġi żviluppata kampanja pubblika ta' għarfien dwar id-drogi.

– Jitwaqqfu standards relatati mal-prevenzjoni tad-devjazzjoni ta' prekursuri u sustanzi oħra essenzjali għall-produzzjoni ta' drogi leċiti.

– Tiġi żviluppata l-kapaċità ta' l-awtoritajiet relevanti ta' l-infurzar tal-liġi biex jiġu miġġielda l-abbuż u t-traffikar tad-drogi.

Il-Pulizija

– Tkompli tissaħħaħ il-kapaċità professjonali tal-pulizija, b'taħriġ speċjalizzat, l-iżvilupp ta' l-intelliġenza u l-għodod ta' analiżi tar-riskju.

– Jiġi assigurat it-tħaddim ta' l-Akkademja tal-Pulizija.

Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu

– Jitwaqqfu mekkaniżmi istituzzjonali effiċjenti għall-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fil-qasam tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u biex titjieb il-kapaċità tad-dipartiment tal-pulizija fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

– Tiġi aġġornata l-kapaċità biex jintużaw mezzi investigattivi speċjali skond il-garanziji xierqa u tissaħħaħ l-intelliġenza kriminali.

– Tiġi adottata l-leġiżlazzjoni u tkun żviluppata l-kapaċità biex jinqabdu assi u d-dħul mill-kriminalità.

– Tiżdied l-effiċjenza tal-kooperazzjoni internazzjonali u ta' l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet internazzjonali relevanti dwar it-terroriżmu u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata; jitjiebu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' l-informazzjoni bejn il-fergħat kollha tas-servizzi tas-sigurtà u ma' stati oħra; jiġu evitati l-iffinanzjar u t-tħejjija ta' atti terroristiċi.

It-Traffikar tal-bnedmin

– Tkompli tissaħħaħ il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, inkluż il-proviżjoni ta' għajnuna adegwata u l-ħarsien tal-vittmi.

Il-Protezzjoni ta' data personali

– Tiġi adottata leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali u titwaqqaf Awtorità indipendenti dwar il-Protezzjoni tas-Superviżjoni tad-*Data*.

– Jittieħdu l-passi neċessarji biex isiru tħejjijiet għall-konklużjoni ta' ftehim ta' kooperazzjoni mal-Europol.

3.2. Il-Prijoritajiet fuq Medda Medja ta' Żmien

Il-Kriterji Politiċi

Id-demokrazija u l-istat tad-dritt

Kwistjonijiet kostituzzjonali

– Tiġi implimentata bis-sħiħ il-Kostituzzjoni ġdida skond l-istandards Ewropej.

L-Elezzjonijiet

– Ikomplu jittieħdu miżuri għal standards għolja dwar l-organizzazzjoni ta' l-elezzjonijiet; jiġi infurzat qafas trasparenti għall-iffinanzjar tal-kampanja.

Il-Parlament

– Tkompli tissaħħaħ il-kapaċità tal-Parlament fl-oqsma kollha, b'mod partikolari rigward l-adozzjoni ta' l-*Acquis* ta' l-UE.

L-amministrazzjoni pubblika

– Ikomplu jissaħħu l-unitajiet ta' integrazzjoni Ewropea skond il-ministeri u l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni dwar kwistjonijiet ta' l-UE inklużi s-SAA u l-IPA.

– Jiġu żviluppati prinċipji, proċeduri u kapaċità amministrattiva relevanti fid-dawl tat-twaqqif ta' sistema deċentralizzata ta' implimentazzjoni għall-ġestjoni ta' l-għajnuna ta' l-UE skond ir-rekwiżiti ta' l-UE.

– Tkompli tissaħħaħ l-Awtorità dwar il-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani. Jissaħħaħ il-proċess tal-ħolqien ta' politika. Tkompli tiġi implimentata r-riforma deċentralizzata.

– Ikomplu t-tisħiħ tar-reklutaġġ trasparenti, il-professjonalità u l-kontabilità, fosthom bl-Istrument tal-Kodiċi ta' Etika u l-linji gwida.

– Ikompli l-proċess ta' ristrutturar u riforma tal-forzi armati, inkluz, kif xieraq, it-tnaqqis.

Is-Sistema ġudizzjarja

– Jiġi żgurat it-tħaddim adegwat taċ-Ċentru għat-Taħriġ Ġudizzjarju. Titwettaq l-istrateġija ta' l-IT għall-ġudikatura.

– Jiġi finalizzat il-qafas strateġiku għar-riforma ġudizzjarja; jiġu implimentati l-pjani ta' riforma; jiġi implimentat ir-reklutaġġ trasparenti u l-proċeduri tal-ġestjoni tal-karriera; ikompli l-aġġornament tar-riżorsi tas-sistema ġudizzjarja.

– Tkompli tiġi aġġornata l-effiċjenza tas-sistema tal-prosekuzzjoni.

– Tkompli tiġi aġġornata l-kapaċità tal-Ministeru tal-Ġustizzja għall-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali.

Il-politika kontra l-korruzzjoni

– Tkompli b'determinazzjoni l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-livelli kollha u jingħataw iktar mezzi għall-prevenzjoni u s-soppressjoni tal-korruzzjoni. Tiġi assigurata l-konformità sħiħa mal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u mal-Konvenzjonijiet relevanti tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

– Jitwaqqfu proċeduri effettivi għad-detenzjoni, it-trattament, u s-segwitu ta' każi suspettati ta' frodi u irregolaritajiet oħra li jeffettwaw il-fondi nazzjonali u internazzjonali, inklużi l-fondi ta' l-UE.

Id-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-minoranzi

– Tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni u l-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet tal-minoranzi.

– Ikomplu jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-ħabs.

– Jiġi evitat u indirizzat il-maltrattament minn aġenziji ta' l-infurzar tal-liġijiet.

– Jiġi żgurat li t-tfal b'diżabilità jew f'minoranza jkunu integrati fis-sistema ewlenija ta' l-edukazzjoni; tiġi riformata s-sistema tal-kura għat-tfal.

– Titkompla l-promozzjoni ta' l-integrazzjoni tal-minoranzi u tar-relazzjonijiet tajba bejn il-gruppi etniċi.

– Titkompla l-kooperazzjoni ma' l-NGOs f'livell governattiv u muniċipali.

Kwistjonijiet reġjonali u obbligi internazzjonali

– Tiġi faċilitata l-integrazzjoni għar-refuġjati li jagħżlu li ma jmorrux lura. Tiġi implimentata l-Istrateġija Nazzjonali dwar ir-refuġjati bħala parti minn strateġija komprensiva dwar l-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni soċjali.

– Titkompla l-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti dwar kooperazzjoni reġjonali.

Il-Kriterji Ekonomiċi

– Tissaħħaħ l-istabilità makroekonomika billi jitkomplew l-aġġustament fiskali u l-konsolidazzjoni biex ikomplu jnaqqsu l-iżbilanċi esterni.

– Tiżdied l-effiċjenza ta' l-ispiża tal-gvern, l-aktar billi jitjieb il-proċess baġitarju u t-tmexxija finanzjarja fil-livell tal-gvern ċentrali u lokali. Tissaħħaħ il-kapaċità għat-tħejjija u l-eżekuzzjoni tal-baġit bil-għan lisseħħ il-prijoratizzazzjoni.

– Jiġi assugrat suq tax-xogħol iktar flessibbli permezz ta' liberalizzazzjoni gradwali.

– Jissaħħaħ l-ambjent kummerċjali biex jiġi promoss l-iżvilupp tas-settur privat u l-impjiegi. B'mod partikolari, issir razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri kummerċjali ġudizzjarji.

– Titfassal u tibda tiġi applikata politika integrata ta' riċerka biex tappoġġja l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp.

L-Istandards Ewropej

IS-SUQ INTERN

Il-Moviment liberu tal-kapital

– Jiġu liberalizzati kompletament il-movimenti u l-pagamenti ta' kapital konformi mal-prinċipji ta' l-UE.

Il-Moviment liberu tal-merkanzija

– Jitkompla l-iżvilupp ta' l-istandardizazzjoni, speċjalment permezz ta' l-adozzjoni ta' l-istandards Ewropej. Titkompla t-traspożizzjoni tad-direttivi ta' l-Istrateġija l-Ġdida u Globali u l-Istrateġija l-Qadima. Titwaqqaf struttura għas-sorveljanza tas-suq kif mitlub mill-*acquis*.

Id-Dwana u t-tassazzjoni

– Tiġi żgurata l-approssimazzjoni kontinwa ma' l-*acquis* tal-leġiżlazzjoni doganali u tat-tassazzjoni tal-Montenegro, u tkompli tiżdied il-ħila amministrattiva biex titwettaq l-leġiżlazzjoni tad-dwana, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-kriminalità minn naħa għal oħra tal-fruntieri u l-evażjoni fiskali.

– Jitjiebu t-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni ma' l-Istati Membri ta' l-UE sabiex jitħaffef l-infurzar ta' miżuri li jipprevjenu li t-taxxi jiġu evitati jew evażi.

– Jitwaqqaf skambju trasparenti ta' informazzjoni mal-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jissaħħu l-miżuri ta' infurzar biex jipprevjenu l-frodi, l-evażjoni u n-nuqqas ta' ħlas tat-taxxi.

Il-Kompetizzjoni

– Tkompli tissaħħaħ l-awtorità tal-kompetizzjoni inkluż l-indipendenza tax-xogħol tagħha.

– Ikompli jissaħħaħ il-qafas ta' l-għajnuna statali u jitwaqqaf kontroll ta' għajnuna statali konformi mar-rekwiżiti tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

L-appalti pubbliċi

– Tkompli tissaħħaħ is-sistema ta' appalti pubbliċi, inklużi fis-settur ta' l-utilitajiet u rigward il-konċessjonijiet, tkompli tiġi allineata l-leġiżlazzjoni domestika ma' l-acquis u billi tiġi aġġornata l-kapaċità amministrattiva ta' l-Aġenzija ta' l-Appalti Pubbliċi, tal-korp reviżorju u ta' l-entitajiet kuntrattwali.

– Ikomplu jiġu żgurati proċeduri trasparenti sħaħ, minkejja l-valur tal-kuntratt konċernat, u mingħajr diskriminazzjoni bejn il-forniturі tal-Montenegro u dawk ta' l-UE.

Il-liġi dwar il-proprjetà intelletwali

– Jiġi assigurat livell simili ta' protezzjoni bħal dak ipprovdut mill-UE billi tiġi allineata kompletament il-leġiżlazzjoni domestika ma' l-acquis dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u billi jibqgħu jissaħħu l-kapaċità amministrattiva u l-infurzar mill-awtoritajiet pubbliċi relevanti kollha, inklużi fis-servizzi tal-fruntiera, l-aġenziji li jinfurzaw il-liġi u l-ġudikatura.

Is-Servizzi finanzjarji

– Jitwaqqaf qafas regolatorju u ta' superviżjoni komprensiv għall-istituzzjonijiet u s-swieq finanzarji skond il-prinċipji ta' l-UE.

Il-Liġi tal-Kumpaniji

– Jibda' l-allineament tar-rekwiżiti tar-rappurtaġġ finanzjarju ma' l-acquis u jiġi żgurat l-infurzar effettiv tagħhom.

Ix-Xogħol u l-Politika Soċjali

– Tkompli tiġi aġġornata l-kapaċità tal-Ministeru tax-Xogħol u l-Ħarsien Soċjali dwar il-formulazzjoni u l-monitoraġġ tal-politika, b'enfasi fuq l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ, nisa u gruppi vulnerabbli u l-immodernizzar tal-politiki soċjali; tkompli tiġi aġġornata l-ġestjoni tat-twettiq tal-miżuri ta' impjiegi attivi implimentati mis-Servizz tax-Xogħol tal-Montenegro.

Il-Politiki Settorjali

L-industrija u l-SMEs

– Jiġi assigurat li l-Karta Ewropea dwar l-Intrapriżi ż-żgħar hija implimentata kollha.

– Tibda l-introduzzjoni ta' l-evalwazzjonijiet regolatorji ta' l-impatt. Ikompli jitjieb l-aċċess għall-iffinanzjar u jiġu żviluppati strutturi ta' appoġġ għan-negozji (gruppi, inkubaturi, parki tan-negozju/teknoloġija).

L-Agrikoltura u s-sajd

– Ikomplu jinbnew kapaċitajiet amministrattivi fis-settur ta' l-iżvilupp agrikolu u rurali għall-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika. Titfassal u tibda titwettaq politika għall-iżvilupp rurali.

– Tissaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali għas-sigurtà ta' l-ikel. Jitħejja programm għall-klassifikazzjoni ta' stabilimenti li jipproċessaw l-ikel biex jilħqu l-obbligi ta' l-UE. Tibda tittieħed azzjoni dwar l-identifikazzjoni tan-nagħaġ u tal-mogħoż u r-reġistrazzjoni taċ-ċaqliq tagħhom. Tibda tittieħed azzjoni biex ikun żgurat kontroll effiċjenti tal-produzzjoni tal-pjanti domestiċi speċjalment għal dawk il-prodotti li għandhom obbligi speċifiċi ta' l-UE.

– Jittieħdu miżuri biex ikun żgurat li l-politika tas-sajd tersaq aktar viċin lejn l-istandards ta' l-UE, speċjalment fiż-żoni ta' ġestjoni tar-riżorsi, ta' spezzjoni u ta' kontroll u fil-politika strutturali u tas-suq.

L-Ambjent

– Il-leġiżlazzjoni tkompli tersaq aktar viċin lejn il-leġiżlazzjoni u l-istandards ta' l-UE, l-aktar il-leġiżlazzjoni dwar it-tniġġiż ta' l-arja, l-ilma u l-kimiċi.

– Tibda l-implimentazzjoni tal-Pjan dwar l-Użu ta' l-Art u l-istrateġija dwar il-ħarsien ambjentali ġenerali. Tibda l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija dwar l-Iżvilupp Sostenibbli u l-istrateġiji settorjali oħra (il-ġestjoni integrata taż-żona tal-kosta, l-biodiversità, l-bdil fil-

klima). Ikun żgurat qafas finanzjarju vijabbli għat-twettiq ta' politika għall-ħarsien ta' l-ambjent fuq terminu ta' żmien medju sa twil.

– Jiġi ratifikat u jibda jitwettaq il-protokoll ta' Kyoto.

– Tkompli tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva, l-aktar ta' l-istituzzjonijiet u tal-korpi responsabbli għall-ippjanar, l-permessi, l-ispezzjonijiet, l-infurzar u l-monitoraġġ, kif ukoll għall-ġestjoni ta' proġetti.

Il-Politika tat-trasport

– Jissaħħaħ il-bini tal-kapaċità, li tinkludi t-tħejjija għall-investimenti kbar. Titkompla l-allokazzjoni ta' riżorsi suffiċjenti għall-manteniment ta' l-infrastrutturi u l-istituzzjonijiet tat-trasport.

– Jitwettqu l-obbligi internazzjonali skond l-Konvenzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u jissaħħu l-kundizzjonijiet tas-sigurtà marittima tal-flotta fid-dawl tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi.

L-Enerġija

– Tkun adottata u titwettaq strateġija fuq terminu twil għall-politika ta' l-enerġija ambjentalment sostenibbli.

– Ikomplu jitwettqu l-impenji reġjonali u internazzjonali f'dan il-qasam sabiex ikun jista' jitwaqqaf suq reġjonali kompetittiv ta' l-enerġija.

– Ikun hemm parteċipazzjoni f'konvenzjonijiet internazzjonali dwar is-sigurtà nukleari li fihom il-EURATOM huwa diġà Parti Kontraenti.

Is-soċjetà informatika u l-midja

– Tiġi finalizzata t-traspożizzjoni tal-qafas ta' l-UE ta' l-2002 dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi.

– Jitwaqqaf suq kompetittiv tal-komunikazzjonijiet elettroniċi permezz ta' l-implimentazzjoni progressiva ta' leġiżlazzjoni u billi jiġu applikati salvagwardji kompetittivi u jiġu indirizzati l-ostakli kollha eżistenti għad-dħul fis-suq.

– Tinżamm l-indipendenza ta' l-awtoritajiet regolatorji u jiġi assigurat li hemm biżżejjed riżorsi u għarfien espert biex titwettaq il-ħidma tagħhom.

– Tiġi allineata għal kollox il-leġiżlazzjoni ma' l-acquis awdjoviżiv.

Il-Kontroll finanzjarju

– Jiġu żviluppati u implimentati l-prinċipji tar-responsabbiltà ta' ġestjoni deċentralizzata u ta' l-awditjar intern li jiffunzjona indipendentament skond l-istandards aċċettati internazzjonalment u l-aħjar prattika ta' l-UE.

– Tissaħħaħ il-kapaċità operattiva u funzjonali kif ukoll l-indipendenza finanzjarja ta' l-Uffiċċju Statali tal-Verifika.

– Jiġu żviluppati proċeduri u kapaċitajiet amministrattivi biex ikun żgurat il-ħarsien effettiv ta' l-interessi finanzjarji ta' l-UE.

Statistika

– Ikomplu jiġu żviluppati statistiċi ekonomiċi ta' min joqgħod fuqhom. Tinbena l-kapaċità istituzzjonali li tipproduċi u tippubblika *data* bażika ta' statistika armonizzata skond l-istandards Ewropej fil-qasam ta' l-istatistika kummerċjali, l-istatistika fis-suq ta' l-impjiegi u tal-kontijiet nazzjonali.

– Tinvolvi bis-sħiħ lill-gvern lokali fil-kontijiet ġenerali tal-gvern.

Il-Ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà

Il-viża, l-kontroll tal-fruntieri, l-asil u l-migrazzjoni

– Tiġi żviluppata l-infrastruttura teknika u l-kapaċitajiet tar-riżorsi umani biex titwettaq il-politika tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri li tinkludi t-tisħiħ tal-pulizija tal-fruntiera u tas-servizzi doganali. Jissaħħu l-faċilitajiet bejn fruntiera u oħra permezz ta' uffiċċji ġodda tal-fruntieri.

– Tkompli tiġi allineata l-politika tal-viża mal-leġiżlazzjoni u l-prattika ta' l-UE.

Id-drogi

– Tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali u bejn aġenzija u oħra u tkompli tiżviluppa l-kapaċità ta' l-awtoritajiet relevanti ta' l-infurzar tal-liġi kontra t-traffikar tad-drogi.

Il-Pulizija

– Jitkompla r-ristrutturar; tiġi żgurata r-responsabbiltà; issir riforma ta' l-edukazzjoni tal-pulizija; tiġi żgurata l-kooperazzjoni fost l-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi.

Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu

– Tiġi żviluppata sistema effettiva għall-ħarsien tax-xhieda li tkun tinkludi wkoll elementi reġjonali.

– Tkompli tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalità ekonomika u finanzjarja (li tinkludi l-ħasil ta' flus u l-falsifikazzjoni tal-muniti), il-frodi u l-korruzzjoni u titjieb il-leġiżlazzjoni relatata.

– Jiġi faċilitat il-kollokament ta' l-uffiċjali ta' kollaborazzjoni, sekondati mill-istati membri ta' l-UE fil-korpi relevanti ta' l-istat involuti fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Tiġi implimentata l-Konvenzjoni ta' Palermo u l-Protokolli tagħha dwar il-kriminalità transnazzjonali organizzata u l-istandards internazzjonali applikabbli dwar il-kriminalità finanzjarja u ekonomika.

– Tiżdied il-kapaċità amministrattiva u ġudizzjarja biex jitwettaq il-kodiċi kriminali fir-rigward tal-kriminalità organizzata. Tkompli tissaħħaħ l-Unità għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata fil-Ministeru ta' l-Intern u tiġi assigurata koordinazzjoni tal-korpi kollha ta' l-infurzar inkluż aktar żvilupp tal-kapaċità xierqa ta' l-intelliġenza kriminali.

– Tkompli tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalità ekonomika u finanzjarja (inkluża l-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni ta' metodi ta' ħlas bi flus kontanti u mhux) u tiġi aġġornata l-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva biex tiffaċċja l-isfidi relatati.

Il-Protezzjoni ta' data personali

– Jiġi assigurat it-tħaddim tajjeb ta' l-Awtorità ta' Superviżjoni tal-Protezzjoni tad-*Data*.

– Tiġi assigurata l-kapaċità ta' l-awtoritajiet statali, b'mod partikolari tal-korpi li jinfurzaw il-liġi, biex jimplimentaw leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali.

4. IL-PROGRAMMAZZJONI

L-assistenza Komunitarja skond il-Proċess ta' Stabbilizazzjoni u Assoċjazzjoni għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent se tingħata skond l-istrumenti finanzjarji eżistenti, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006[4]. Għalhekk, din id-Deċiżjoni mhux se jkollha implikazzjonijiet finanzjarji. Il-Montenegro jista' jkollu aċċess għall-iffinanzjar mill-programmi multi-statali u orizzontali.

5. IL-KONDIZZJONALITÀ

L-assistenza Komunitarja lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent tiddependi fuq il-progress fit-twettiq tal-kriterji politiċi ta' Kopenħagen kif ukoll fuq il-progress fl-implimentazzjoni ta' prijoritajiet speċifiċi ta' dan il-Partenarjat Ewropew. F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux rispettati, il-Kunsill jista' jieħu l-miżuri xierqa fuq il-bażi ta' l-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006[5]. L-assistenza Komunitarja għandha wkoll tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet definiti mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu tad-29 ta' April 1997, b'mod partikulari fejn għandhom x'jaqsmu l-impenn tar-riċevituri li jwettqu r-riformi demokratiċi, ekonomiċi u istituzzjonali.

6. IL-MONITORAĠĠ

L-implimentazzjoni tal-Partenarjat Ewropew se tkun eżamintata permezz tal-mekkaniżmi stabbiliti bil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, l-aktar ir-Rapporti annwali ppreżentati mill-Kummissjoni.

---

[4] ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82.

[5] Art. 21 tar-Regolament tal-Kunsill 1085/2006 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 90).